

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

## DEĊIŻIONIJET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

### DEĊIŻJONI Nru 1530/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-24 ta' Ottubru 2007

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE skond il-punt 26 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 26 tagħha,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (il-“Fond”) sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta b'diżastri.
- (2) Il-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sa limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 jinkludi d-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mobilizzat.

- (4) Il-Ġermanja u Franza ressqu applikazzjonijiet sabiex jiġi mobilizzat il-Fond, fir-rigward ta' żewġ diżastri kkawżati minn maltemplata kbira u minn ċiklun tropikali rispettivament,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

#### Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 172 195 985 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi publikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, 24 ta' Ottubru 2007.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

M. LOBO ANTUNES

<sup>(1)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.